32007E0087



# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/87/PESK

**tas-7 ta' Frar 2007**

**li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerżegovina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/49/PESK [1] li taħtar lis-Sur Christian Schwarz-Schilling bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Ħerżegovina.

(2) Fil-25 ta' Lulju, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/523/PESK [2] li temenda l-mandat tar-RSUE fil-Bosnja u Ħerżegovina.

(3) Fis-7 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill approva l-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-persunal insedjat barra l-Unjoni Ewropea f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat.

(4) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/49/PESK, il-mandat tar-RSUE għandu jiġi emendat u estiż għal erba' xhur oħra sat-30 ta' Ġunju 2007.

(5) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi implimentat f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-konsistenza ma' attivitajiet rilevanti oħra li jaqgħu taħt kompetenza Komunitarja.

(6) Ir-RSUE ser jimplementa l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiħżien u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea**

Il-mandat tas-Sur Christian Schwarz-Schilling bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Ħerżegovina (BiĦ) huwa b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2007.

*Artikolu 2*

**Objettivi ta' politika**

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-għanijiet tal-politika ta' l-UE fil-BiĦ. Dawn jiċċentraw fuq progress kontinwu fl-implementazzjoni tal-Ftehim Kwadru Ġenerali għall-Paċi (GFAP) fil-BiĦ, konformement mal-Pjan ta' Implementazzjoni tal-Missjoni ta' l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, u fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bil-għan li l-BiĦ isir Stat stabbli, vijabbli, paċifiku u multietniku, li jikkopera paċifikament mal-ġirien tiegħu u li jimxi irreversibbilment fit-triq lejn sħubija ma' l-UE.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ta' l-UE fil-BiĦ, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) joffri l-konsulenza u l-faċilitazzjoni ta' l-UE fil-proċess politiku;

(b) jippromwovi koordinazzjoni politika ġenerali ta' l-UE fil-BiĦ;

(ċ) jippromwovi koordinazzjoni ġenerali ta' l-UE ta' l-isforzi ta' l-UE, u jagħtihom direzzjoni politika lokali, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, mingħajr preġudizzju għar-rwol ewlieni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-koordinazzjoni ta' l-aspetti tal-funzjoni tal-pulizija ta' dawn l-isforzi u għal-linja ta' kmand militari ta' l-ALTHEA (EUFOR);

(d) jipprovdi lill-Kmandant tal-Forza ta' l-UE b'konsulenza politika lokali, anke fir-rigward tal-kapaċità tat-tip ta' Unità ta' Pulizija Integrata, li minnha jista' jagħmel użu r-RSUE, bi ftehim ma' l-imsemmi Kmandant, mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand;

[1] ĠU L 26, 31.1.2006, p. 21.
[2] ĠU L 205, 27.7.2006, p. 30.

(e) jikkontribwixxi għar-rinfurzar tal-koordinazzjoni u l-koerenza interni ta' l-UE fil-BiĦ, anke permezz ta' laqgħat informattivi mal-Kapijiet tal-Missjoni ta' l-UE u permezz ta' parteċipazzjoni, jew rappreżentanza, fil-laqgħat regolari tagħhom, billi jippresjedi grupp ta' koordinazzjoni magħmul mill-atturi kollha ta' l-UE preżenti fil-kamp bil-ħsieb li jiġu kkoordinati l-aspetti implementattivi ta' l-azzjoni ta' l-UE, u billi jagħtihom gwida dwar relazzjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-BiĦ;

(f) jiżgura l-konsistenza u l-koerenza ta' l-azzjoni ta' l-UE lejn il-pubbliku. Il-kelliem tar-RSUE għandu jkun il-punt ta' kuntatt prinċipali ta' l-UE għall-medja fil-BiĦ dwar kwistjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni/Politika Estera u ta' Difiża Komuni (PESK/PESD);

(g) iżomm l-attenzjoni tiegħu b'mod ġenerali fuq il-firxa kollha ta' l-attivitajiet fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'dan il-kuntest jipprovdi konsulenza, kif meħtieġ, lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) u lill-Kummissjoni;

(h) jagħti lill-Kap tal-Missjoni ta' l-EUPM gwida politika lokali bħala parti mir-responsabbiltajiet usa' tiegħu u mir-rwol tiegħu fil-linja ta' kmand għall-EUPM;

(i) bħala parti mill-approċċ usa' tal-komunità internazzjonali u ta' l-awtoritajiet tal-BiĦ lejn l-istat tad-dritt, filwaqt li jagħmel użu mill-kompetenza u assistenza tekniċi fil-funzjonijiet tal-pulizija pprovduti mill-EUPM f'dan ir-rigward, jappoġġa l-preparazzjoni u l-implementazzjoni tar-ristrutturazzjoni tal-pulizija;

(j) jipprovdi appoġġ sabiex tiġi rinfurzata u ssir aktar effettiva s-sistema ta' komunikazzjoni bejn il-pulizija u s-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-BiĦ, b'kuntatti mill-qrib ma' l-EUPM;

(k) safejn ikunu konċernati l-attivitajiet taħt it-Titolu VI tat-Trattat, inkluż l-Europol, u attivitajiet Komunitarji relatati, jipprovdi konsulenza lis-SĠ/RGħ u lill-Kummissjoni kif meħtieġ, u jieħu sehem fil-koordinazzjoni lokali meħtieġa;

(l) bil-ħsieb ta' koerenza u ta' sinerġiji li jkunu possibbli, ikompli jipprovdi konsulenza dwar prijoritajiet għal Strument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni;

(m) jappoġġa ppjanar għall-uffiċċju tar-RSUE imsaħħaħ fil-kuntest ta' l-eġħluq ta' l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (OHR), inkluża konsulenza dwar aspetti ta' informazzjoni pubblika tat-tranżazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni;

(n) jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali bi qbil mal-politika ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Linji Gwida ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(o) jinvolvi ruħu ma' l-awtoritajiet rilevanti tal-BiĦ dwar il-kooperazzjoni sħiħa tagħhom mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal Dik li Qabel Kienet il-Jugoslavja (ICTY);

(p) jipprovdi konsulenza u faċilitazzjoni politika fil-proċess tar-riforma kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implementazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità u d-direzzjoni operattiva tas-SĠ/RGħ. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont ta' kull infiq lill-Kummissjoni.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) għandu jżomm kuntatt privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt mal-Kunsill. Il-PSC għandu jipprovdi lir-RSUE bi gwida strateġika u kontribut politiku fil-qafas tal-mandat.

*Artikolu 5*

**Rappreżentant Għoli**

Ir-rwol tar-RSUE ma għandu bl-ebda mod jippreġudika l-mandat tar-Rappreżentant Għoli fil-BiĦ, inkluż ir-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha ta' l-organizzazzjonijiet u aġenziji ċivili kollha kif espost fil-GFAP u tal-konklużjonijiet u dikjarazzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill ta' l-Implementazzjoni tal-Paċi.

*Artikolu 6*

**Finanzjament**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Marzu 2007 sat-30 ta' Ġunju 2007 għandu jkun ta' EUR 770 000.

2. In-nefqa finanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni li kwalunkwe prefinanzjament ma għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità. Ċittadini tal-pajjiż ospitanti u ta' pajjiżi girien għandhom ikunu permessi jagħmlu offerti għal kuntratti.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn r-RSUE u l-Kummissjoni. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Marzu 2007.

4. Il-Presidenza, il-Kummissjoni, u/jew l-Istati Membri, kif xieraq, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 7*

**Formazzjoni tat-tim**

1. Għandu jiġi assenjat persunal dedikat ta' l-UE li jipproġetta identità ta' l-UE sabiex jassisti r-RSUE sabiex jimplementa l-mandat tiegħu u jikkontribwixxi għall-koerenza, għall-viżibbilità u għall-effikaċja ta' l-azzjoni ġenerali ta' l-UE fil-BiĦ, b'mod partikolari fl-affarijiet politiċi, politiko-militari u ta' sigurtà, u fir-rigward tal-komunikazzjonijiet u ta' relazzjonijiet mal-medja. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u tal-mezzi finanzjarji korrispondenti li jkunu disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-formazzjoni tal-grupp tiegħu b'konsultazzjoni mal-Presidenza, assistit mis-SĠ/RGħ, u f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jinforma l-Presidenza u l-Kummssjoni dwar il-kompożizzjoni finali tal-grupp tiegħu.

2. L-Istati Membri ta' l-UE u l-Istituzzjonijiet jistgħu jipproponu s-sekondar ta' persunal sabiex jaħdem mar-RSUE. Ir-rimunerazzjoni ta' persunal li huwa sekondat, minn Stat Membru ta' l-UE jew minn Istituzzjoni, mar-RSUE għandu jkun kopert mill-Istat Membru ta' l-UE jew Istituzzjoni konċernati, rispettivament.

3. Il-karigi kollha tat-tip A li ma jimtlewx permezz ta' sekondar, għandhom jiġu pubbliċizzati kif xieraq mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u għandhom jiġu notifikati wkoll lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-Istituzzjonijiet sabiex jiġu reklutati l-applikanti bl-aħjar kwalifiki.

4. Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji ulterjuri meħtieġa għat-tlestija u għall-funzjonament bla xkiel tal-missjoni tar-RSUE u tal-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu definiti mal-partijiet. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan l-iskop.

*Artikolu 8*

**Sigurtà**

1. Ir-RSUE u l-membri tat-tim tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-Regolamenti ta' Sigurtà tal-Kunsill [1], b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata ta' l-UE.

2. Ir-RSUE għandu, skond il-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà ta' persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, f'konformità mal-mandat tiegħu u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fiż-żona ġeografika ta' responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, b'mod partikolari billi:

(i) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni bbażat fuq il-gwida tas-Segretarjat tal-Kunsill, inkluż fost l-oħrajn miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregola l-ġestjoni tal-moviment minghajr periklu tal-persunal lejn iż-żona tal-missjoni u ġo fiha, il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni tal-missjoni;

(ii) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra l-UE jkun kopert b'assigurazzjoni għal riskju għoli kif rikjest mill-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;

(iii) jiżgura li l-membri kollha tat-tim tiegħu li jkunu ser jiġu skjerati barra l-Unjoni Ewropea, inkluż persunal ikkuntrattat lokalment, ikun irċieva taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jasal fiż-żona tal-missjoni jew kif jasal, abbażi tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati liż-żona tal-missjoni mis-Segretarjat tal-Kunsill;

(iv) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula wara valutazzjonijiet ta' sigurtà regolari jkunu implimentati u jipprovdi lis-SĠ/RGħ, il-Kunsill u l-Kummissjoni b'rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' implimentazzjoni ta' nofs it-term u tal-mandat;

[1] ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/952/KE (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 18).

(v) jiżgura, kif meħtieġ u fi ħdan ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala parti mill-katina ta' kmand, li jittieħed approċċ koerenti fir-rigward tas-sigurtà tal-persunal tul l-elementi kollha ta' l-UE preżenti f'operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet jew operazzjonijiet fiż-żona ġeografika ta' responsabbiltà tiegħu.

*Artikolu 9*

**Rappurtar**

Bħala regola ġenerali, ir-RSUE għandu jirrapporta personalment lis-SĠ/RGħ u lill-PSC u jista' jirrapporta wkoll lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti. Għandhom jiġu ċirkolati rapporti regolari bil-miktub lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fuq rakkomandazzjoni tas-SĠ/RGħ u tal-PSC ir-RSUE jista' jirrapporta lill-Kunsill.

*Artikolu 10*

**Koordinazzjoni**

1. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-azzjoni esterna ta' l-Unjoni Ewropea, l-attivitajiet tar-RSUE għandhom ikunu koordinati ma' dawk tas-SĠ/RGħ, tal-Presidenza u tal-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jipprovdi lill-missjonijiet ta' l-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni b'aġġornamenti regolari. Għandu jinżamm, fil-kamp, kollegament mill-qrib mal-Presidenza, mal-Kummissjoni u mal-Kapijiet tal-Missjoni li għandhom jagħmlu mill-aħjar sabiex jgħinu lir-RSUE fl-implementazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu wkoll jikkollabora ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra fil-kamp.

2. B'appoġġ għal operazzjonijiet ta' l-UE ta' maniġġar tal-kriżijiet, ir-RSUE, flimkien ma' atturi ta' l-UE oħra preżenti fil-kamp, għandu jtejjeb it-tixrid u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni minn atturi ta' l-UE involuti bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' kuxjenza komuni dwar is-sitwazzjoni u ta' valutazzjoni komuni.

*Artikolu 11*

**Reviżjoni**

L-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjoni Ewropea lir-reġjun għandhom jinżammu taħt reviżjoni regolari. Ir-RSUE għandu jipprezenta lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sa nofs Mejju 2007.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 13*

**Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Frar 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F.-W. STEINMEIER